# Ganutell fil-knisja ta' San Publju



Kitba ta' Maria Kerr

Daqs erbat ijiem ilu, irċevejt telefonata mingħand is-Sur Charles Zammit Moore fejn staqsieni jekk għandix pjaċir nikteb dokument, dwar ir-riċerki li għamilt ftit ta' snin ilu, tal-Ganutell li jinstab fil-Knisja Parrokkjali ddedikata lil San Publju. L-iskop ta' dan id-dokument huwa, biex ikun parti mill-ktejjeb tal-festa u b'hekk il-parruċċani jsiru aktar konxji u aktar infurmati dwar l-opri tal-Ganutell li jinsabu ġol-knisja tagħhom. Din it-talba, jiena lqajtha b'entużjażmu kbir. Ħriġt id-dokumenti tal-knejjes kollha li kienu miġburin fil-librerija tal-istudju u minnhom ħriġt dak li għandu x'jaqsam mal-knisja ta' San Publju.

Knisja maestuża, li nistħajjilha sentilla tħares il-fosos, li fiż-żmien fihom kien jinħażen il-qamħ; il-ħobż tal-Maltin.

Il-Furjana kienet għadha tagħmel parti mill-parroċċa ta' San Pawl tal-Belt Valletta, meta l-knisja ddedikata lil San Publju, kienet għadha qed tinbena. Din il-knisja tlestiet fis-sena 1768, u l-Furjana saret parroċċa fil-15 ta' Marzu 1844. Fl-għeqqel tal-gwerra parti mill-faċċata u l-koppla ġarrbu ħsarat kbar. Wara l-gwerra dawn inbnew mill-ġdid. Il-Furjaniżi għandhom biex ikunu kburin bil-ġmiel u l-kobor tal-knisja li għandhom.

Meta kont mort inżur din il-knisja, Stephen Tonna, responsabbli mill-armar fil-knisja, kien għadu mhux lest minn xogħlu iżda mill-ewwel ra x'kelli bżonn. Kien jaf sewwa għal liema skop mort inżur din il-knisja u fil-fatt kellu kollox ippreparat fis-sagristija. Meta staqsejt lil Stephen x'inhi l-iktar ħaġa għażiża li hemm fil-knisja waqaf jaħseb, u b'ċertezza kbira kien qalli "L-istatwa; l-istatwa ta' San Publju."

Kien qalli wkoll li din l-istatwa, fis-sena 2011 kienet se tagħlaq 200 sena. Qalli wkoll li meta ġarrbet il-ħsara waqt il-gwerra, l-iljun ta' ħdejn San Publju tqaċċat minn mal-istatwa. Kull deni ħudu b'ġid għax b'kekk saru jafu minn kien l-iskultur. Taħt l-iljun sabu l-inizjali V.D. 1811. Dan kien juri biċ-ċar min kien l-iskultur; kien l-artist Vinċenzo Dimech. Hawnhekk nixtieq nirringrazzja lill-ħabib tiegħi Charles Delia li stajt nieħu dan ir-ritratt ta' din il-minjatura ta' San Publju li hija waħda mill-kollezzjoni li għandu.

Stephen kien tani xi tagħrif dwar il-knisja. Sirt naf li l-ewwel ġebla tal-knisja ġiet imqiegħda f'Awwissu tas-sena 1733 fil-preżenza tal-Gran Mastru Vilhena. Matul is-snin saru ħafna tibdiliet. F'Marzu 1776 kienet ikkonsagrata minn l-Isqof Labini u fis-sena 1844 kienet iddikjarata Parroċċa. Fl-aħħar gwerra l-knisja ġarrbet ħafna ħsarat u jien naħseb li l-opri tal-Ganutell li kellha din il-knisja sfaw vittmi wkoll.



L-ewwel ma' wrieni kien sett ta' erba' fjuretti li jintuża fuq l-altar maġġur li huma kompletament differenti minn dawk li kont diġà rajt fi knejjes oħra. Tista' tgħid li l-fjuri huma maħdumin bil-wajer tal-fidda u xi wħud minnhom huma maħdumin bil-wajer tad-deheb. Fihom ħafna blanzuni, mhux biss fil-bidu, iżda ssibhom mal-fjurett kollu. Bħala petali użaw il-*basic petals* u l-i*square petals*. Ħafna mill-petali tal-fjuri huma maħdumin bil-*boullion* miftuħ. Imbagħad il-weraq ħadmuhom bil-wajer lixx. Il-kuluri tal-fjuri prinċipali huma bbażati fuq l-aħmar skur, l-ikħal u l-*peach*. Dan tal-aħħar huwa kulur li kien popolari minn dejjem.

L-użu tax-xinilja fil-fjuri prinċipali hija indikazzjoni ċara li dawn il-fjuretti nħadmu wara s-sena 1945. Dawk iż-żminijiet ħafna knejjes, bħal ħafna Maltin, kienu neqsin sew mill-finanzi. Il-materjal tal-fjuri tax-xinilja ma jqumx ħafna flus u lanqas għandhom bżonn ħafna ħin biex taħdimhom.

Żgur li huma maħdumin fuq l-istil tas-sorijiet ta' Santa Katerina.

Jidher ċar li dawn il-fjuri huma maħdumin b'ġenerożità kbira. Il-fossa ħamra tan-nofs hija mdawra b'ħafna dettall. Madwarha għandha filliera ta' antaċċoli mżejnin bil-*boullion* tad-deheb, imbagħad disa' perli ddekorati bid-deheb ukoll. Qabel l-aħħar *layer* ta' perli mżejnin bil-*boullion* tal-fidda, għandha wkoll petali (*square petals*) maħdumin bil-*boullion* tad-deheb. Fl-aħħar nett hemm il-petali tax-xinilja, naturalment xinilja kif għandha tkun, xinilja maħduma fuq il-qasba.

Il-fjuri l-koħol, huma maħdumin bl-istess teknika u żejnuhom bid-dettall tal-fjuri prinċipali l-ħomor. Lejn in-naħa t'isfel, hemm fjura oħra magħmula bix-xinilja li l-kulur tagħha huwa *peach*. Il-fjuri ż-żgħar kollha huma maħdumin bil-wajer mibrum tad-deheb u tal-fidda.

Lejn in-naħa t'isfel, hemm fjura oħra magħmula bix-xinilja li l-kulur tagħha huwa *peach*, u għaliha ntużat l-istess teknika. Ta' min wieħed jgħid xi ħaġa dwar dan il-kulur famuż li dejjem iltqajt miegħu fir-riċerki tiegħi. Ħafna jaħsbu li l-*Peach* huwa xi kulur modern, oħrajn isejħulu roża. Iżda dan la hu modern u lanqas roża, dan huwa kulur li minn dejjem kien popolari mal-ewwel artisti tal-ganutell.

Dawn il-fjuretti huma xogħol Margerita Barbara li ħallietna fis-sena 1984. Fl-opinjoni tiegħi għandhom madwar sebgħin sena.

Kienet spiċċat kull fjurett b'weraq kbar tax-xinilja ħamra. Il-ġenerożità ta' din l-artista tkompli tispikka meta, qabel il-weraq tax-xinilja, għamlet sitt kurduni tad-deheb u kull wieħed iddekoratu b'żewġ petali maħdumin bil-wajer tad-deheb marbutin flimkien forma ta' ċoff. Kienet ix-xewqa tas-sagristan Anton Tabone li jsiru dawn il-fjuretti u l-ispejjeż tagħhom inġabru minn Franġisku Schembri. L-ispiża kienet biss għall-materjal, għax Margerita wriet il-ġenerożità tagħha billi ma talbet xejn għax-xogħol li għamlet.

F'dan il-fjurett, li huwa uniku u li kien maħdum minn Lina Cuschieri, benefattriċi kbira tal-knisja ta' San Publju u tiġi n-neputija ta' Margerita Barbara, tara xogħol ta' artista, artista li esprimiet l-ideat tagħha b'mod ħieles, bla ebda regoli jew restrizzjonijiet. Skont ix-xwejjaħ Pawlu, oħtu Lina, kienet ikkummissjonata mill-parroċċa tal-Ħamrun biex taħdem sett fjuretti għal San Gejtanu. Wara li Lina kienet lestiet il-fjuri kollha, ftehim fuq il-prezz ma kienx intlaħaq. Ma ħabblitx rasha u mmuntat dawn il-fjuri fi fjurett mill-isbaħ. Mhux talli hekk, talli ħadmet ieħor bħalu biex ikunu par. Fil-ġranet tal-festa dawn il-fjuretti jsibu posthom fuq waħda mill-gradenzi ta' fuq il-presbiterju. Dawn il-fjuretti huma maħdumin b'arti u b'galbu kbir. Id-dettall tal-fjuri huwa kważi dejjem xorta u għalhekk ikun hemm ċerta armonija. Fjuretti bħal dawn ma tixbax tħares lejhom!

Sewwa kien qalli Pawlu li dan il-ġilju ftit issib maħdum bħalu! Sa dakinhar dan kien l-ewwel wieħed li rajt maħdum b'dan il-mod. Il-petali huma *diamond petals* u maħdumin bil-wajer mibrum tal-fidda daqsxejn eħxen mis-soltu. Hi u taħdem dawn il-petali daħlet biċċiet ta' *boullion* tal-fidda biex toħloq moviment f'kull petala, b'riżultat mill-isbaħ. Fost oħrajn fih ħafna fjuri

żgħar maħdumin bil-*boullion* tad-deheb, fjuri sempliċi iżda sbieħ. Il-fjuri prinċipali huma ħafna, u waħda isbaħ mill-oħra. Il-petali tal-fjuri tal-molla huma ddekorati bil-*boullion* u dawn il-fjuri mhumiex neqsin mill-perli ddekorati bl-istess *boullion* tad-deheb.

L-ewwel fjura kbira, li bħalha hemm sitta, hija kollha *basic petals* bil-wajer mibrum tad-deheb. Il-fossa kaħla hija mdawra bi ċrieki u bl-antaċċoli ddekorati bil-*boullion* tad-deheb. Petali żgħar oħra maħdumin bil-*boullion* tad-deheb u għall-aħħar żewġ *layers* ħadmet petali (*basic petals*) bil-wajer tad-deheb mibrum.

Il-fjura tal-aħħar hija veru fjura delikata. Il-fossa kaħla tan-nofs hija mdawra bi ċrieki żgħar tad-deheb. Wara perli mżejnin bid-deheb ukoll. Tmien petali tondi tal-molla mimlijin b'ħajt roża ċar. Fuq kull petala għandhom petala oħra ċkejkna tal-*boullion* tad-deheb. Dan il-fjurett fih ħafna blanzuni jew fjuri *chiusi* u Lina spiċċatu bil-weraq tax-xinilja ħamra. Biex tkompli tagħmlu iktar rikk, fuq il-weraq għamlet frenża tal-*boullion* tad-deheb u ddekorata bil-ġawhar. Verament oriġinali!!

Għal fuq kull altar, din il-parroċċa, għandha sett fjuretti li kienu nħadmu minn Josette Vella. Bejn is-sena 2000 u s-sena 2002. B'kollox Josette ħadmet tnejn u għoxrin fjurett.

Kif wieħed jilmaħ dawn il-fjuretti u jkun midħla sew tal-Ganutell, mill-ewwel jinduna li dan il-fjurett, (wieħed minn sitta għal fuq l-altar ta' San Pawl), huwa maħdum minn Manuel Sciberras għall-ħabta tas-sena 1985. Manuel qatt ma biddel l-istil tiegħu u baqa' jżommu kemm dam jaħdem il-fjuri tal-ganutell. L-istess stil ta' fjuri, jibbaża fuq l-istess kuluri u l-għamla tal-fjurett dejjem xorta. Kien iħobb idaħħal ħafna kuluri, speċjalment l-aħmar, ir-roża ċar u r-roża skur, il-*peach*, u l-ikħal. Fin-nofs, il-fjura maħduma bil-farfalla tad-deheb ma kienet tonqos qatt. L-abjad għall-ġilju ssibu dejjem fil-bidu tal-fjurett u l-weraq tax-xinilja ħodor jagħlaq bihom kull fjurett li kien jagħmel.

L-istatwa, li tinsab ġo niċċa fis-sagristija, hija replika ta' dik li hemm f'Arraċeli, viċin Ruma, li hi magħmula minn żokk ta' waħda mis-siġar tal-ort tal-Ġetsemani. Dan Ġesù Bambin ikun fuq l-altar maġġur fl-Epifanija. Il-libsa tiegħu hija kollha rrakmata bid-deheb u għal dakinhar, fuq kull disinn titpoġġa labra tad-deheb bil-ħaġar prezzjuż.

L-istess Lina Cuschieri kienet ħadmet par fjuretti żgħar għal ġo din in-niċċa ta' Ġesù Bambin. Huma żewġ fjuretti żgħar u sempliċi.

Il-blanzuni li jibda bihom dan il-fjurett huma tad-drapp. Il-kompożizzjoni ta' dan il-fjurett huwa verament grazzjuż. Fih ħafna weraq maħdumin bil-*cordonette* tad-deheb, fjuri tal-molla, pompoms tax-xinilja tal-maqtugħ u sħiħ u żewġ fjuriet kemxejn kbar maħdumin bil-*boullion* tad-deheb u tal-fidda. Żammet armonija bejn il-kuluri u kellha riżultat mill-isbaħ.

Jien, Maria Kerr, nixtieq nirringrazzja lil kull min tani l-informazzjoni biex inkun nista' nikteb dan id-dokument dwar l-opri tal-Ganutell li jinstabu fil-Knisja Parrokkjali tal-Furjana ddedikata lil San Publju. Minn qalbi nixtiqilkom il-Festa t-tajba.

KING GEORGE V
GREAT FOOD GOOD TIMES
PIZZA - PASTA - GRILL
FLORIANA PLAYGROUND
PIZZA - PASTA - GRILL
FLORIANA PLAYGROUND
MAY-SEPT {MON-SUN} 18:00 - 00:00
OCT-APR {MON-FRI} 09:00 - 14:00 SAT-SUN ONLY BY RESERVATIONS
WE CATER FOR ALL KIND OF PRIVATE FUNCTIONS
CHRIS BRINCAT
M: 9901 2830
LEANDRO CAMILLERI
M: 9987 6425
facebook KING GEORGE V